Fit-Tribunal Tal-Konsumatur

Charles Farrugia

Vs

O'hea Co. Ltd

CCT 86/22/MM

Illum, 14 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fis-06 ta' Ġunju 2022 fejn talab is-somma ta' mija u għoxrin ewro (€120) rappreżentanti l-prezz ta' nuċċali li żviluppawlu xquq matul il-perjodu tal-garanzijja.

Ra r-rispsota tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent jispjega li f'Awissu 2020 huwa xtara nuċċali mingħand is-soċjeta' intimata u madwar għoxrin (20) xahar wara innutaw li kien hemm xaqq fil-frame tan-nuċċali. Illi r-rikorrenti jispjega li huwa applika qata superglue sabiex in-nuċċali ma jkomplix jinkiser u dan stante li ibnu ta' 13 il-sena kellu bżonnu għall-iskola u ma kellux nuċċali ieħor ħliefu. Illi r-rikorrenti jjispjega li sussegwentement innutaw xaqq ieħor fuq parti oħra tan-nuċċali fejn ma kienx ġie applikat superglue.

Illi s-soċjeta' intimata tilqa' għat-talba billi tirrispondi li d-danni fuq in-nuċċali ġew ikkawżati bl-użu ħażin u negliġenti tal-utent stess u għalhekk ma kienux responsabbli għall-ħsarat fin-

nuċċali. Is-soċjeta' intimata' tispjega li kienet offrit skont ui/jew rimedju iżda r-rikorrenti irrifjuta.

Ikkunsidra

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li n-nuċċali minnu komprat ma kienx tal-kwalita mweghda. Fi kliem iehor huwa qieghad jallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qeghda tippretendi d-danni

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*". ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-*

fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell (subpara. "a"), *ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"), *ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

Illi f'dan il-kaz specifiku n-nuccali hekk mixtri mir-rikorrenti kien allegatament iggarantit ghal sentejn.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle**", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "g*li effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti*". Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-*fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legali*". (Ara "**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Christopher Falzon -vs- Noel Gauci**", 12 ta' Gunju, 2009.

Fil-kaz prezenti, kif hekk kien ukoll il-kaz in re: "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

Ikkunsidra

Illi t-Trinbunal jinnota li l-proċess huwa sajjem għall-kollox mill-provi. Illi kien ikun ferm għaqli għar-rikorrenti jekk jippreżentaw prova tal-garanzija u tal-irċevuta sabiex jiġi stabbili il-prezz tan-nuċċali kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tal-garaznijja tan-nuċċali.
Illi dwar il-garanzijja, tipikament, garanziji jistgħu jispeċifikaw li kwalunkwe tiswijiet jew modifiki mhux awtorizzati jistgħu jħassru l-garanzija. Jekk il-garanzija tespliċitament tgħid li l-applikazzjoni ta' sustanzi bħal superglue thassar il-garanzija, is-soċjeta' intimata kellha raġun li ma tonorax il-garanzijja.

Illi t-Tribunal jifhem li r-raġuni tar-rikorrenti li japplika s-superglue biex jipprevjeni li n-nuċċali jkompli jixaqqaq u biex jiżgura li jista jibqa jintuż mit-tifel tiegħu fl-iskola, hija motivata minn neċessità aktar milli attentat biex issewwi jew jimmodifika jew jimmanipula b'mod permanenti l-prodott in kwistjoni ossia n-nuċċali. Pero' jibqa l-fatt li ma jistax jiġi eskluż, li s-superglue seta ikkawża aktar danni lin-nuċċali, li affettwa l-integrità tal-frejm lil hinn mix-xaqq inizjali. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent ħass li din kienet miżura temporanja meħuda f'sitwazzjoni urġenti. Madanakollu f'każ ta' dubbju, r-rikorrenti kellu r-responsabbilita' li jitkellem mas-soċjeta' intimata qabel ma jipprova jsewwiħ iu japplika s-superglue u mhux wara, kif fil-fatt għamel meta mar fil-ħanut biex jispjega x'kien ġralu. Illi kieku r-rikorrenti tkellem qabel ma ħa l-miżura tiegħu, is-soċjeta' intimata kien ikollha l-opportunita' li tigwidah u tispjegali x'rimedji kellu fiċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom.

Illi dwar il-qsim fin-nuċċali, l-partijiet jagħtu verżjonijiet kunfliġġenti. Ir-rikorrenti jisuspetta li l-qsim huwa kawża ta' lenses akbar milli suppost u s-soċjeta' intimata ssostni li l-qsim kien dovut għall-użu mhux xieraq u/jew negligenza da parti tal-utent, fil-każ odjern, it-tifel tar-rikorrenti li kellu 13 il-sena meta deheru x-xquq l-ewwel darba u madwar 11 il-sena meta r-rikorrenti xtralu n-nuċċali.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs-Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi kif ingħad aktar il-fuq, il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrent naqas milli jissostanzja l-allegazzjonijiet bi provi konkreti. Kien jispetta lir-rikorrenti jresssq provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċi lilt-Tribunal li x-xquq kienu dovuri għal xi difett fil-frame tan-nuċċali.

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa, huwa evidenti li t-Tribunal huwa mistenni jiddetermina jekk dawn ix-xquq fin-nuċċali humiex riżultat ta' difett moħbi jew inkella sempliciment *fair wear and tear* jew negliġenza da parti tal-utent ankif fid-dawl li meta pprova jsewwi n-nuċċali, applika is-superglue.

Affermati s-suesposti principji ta' dritt u l-kunsiderazzjonijiet elenkati, dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-argumenti tar-rikorrenti u jħoss li l-linja difensjonali tas-socjeta` intimata hija aktar verosimili jew plawsibbli. Illi l-argument tad-difiża

u l-ispjegazzjoni mogħtija dwar l-aspetti viżibbli jagħmlu sens aktar mill-argument tar-rikorrenti li wara għoxrin xahar ta' użu tajjeb, in-nuċċali beda jixaqqaq ftit qabel l-għeluq tal-garanzija ta' sentejn Għalhekk fuq bilanċ ta' probabbilita' huwa iżjed plawsibbli li s-soċjeta' intimata għandha raġun li dawn id-difetti huma kawża ta' użu ftit jew wisq negliġenti mill-utent, li nzerta tifel ta' bejn 11 u 13 il-sena matul iż-żmien tal-garanzija.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma rnexxilix tipprova l-kawża tagħga sal-grad li trid il-liġi u għalhekk mhux se jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, li l-attur naqas milli jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' prbabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi s-soċjeta' intimata għandha tirrifondi l-prezz tan-nuċċali.

Deċiżjoni

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez a karigu taghhom.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru